# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 559/2015**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Emmanuel Fenech**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Emmanuel Fenech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 22661(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-5 ta' April 2008 u fil-ġranet ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1. barra il-każijiet imsemmija fl-aħħar artikolu ta' qabel l-Artikolu 172, iffalsifika siġilli, timbri jew marki oħra, li qegħdin sabiex jissiġillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiċċertifikaw fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtorita' pubblika jew privata, jew li jkunu qegħdin taħt il-

garanzija pubblika u dan *ai termini* ta' Artikolu 172 u 176 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi kellu għasafar imħarsa bil-liġi mingħajr il-permess tad-Direttur fi ħdan il-MEPA u dan bi ksur ta' Regolament 4(1) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi jew f'xi perjodu qabel din id-data ittrasferixxa jew b'xi mod ieħor iddispona minn xi għasfur mingħajr ma għamel talba lid-Direttur u dan bi ksur ta' Regolament 4(2) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat;

4. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa mposta minn jew taħt dawn ir-Regolamenti u dan bi ksur ta' Regolament 27(1)(b) tal-Avviż Legali 79 ta' l-2006 kif sussegwentement emendat;

5. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi aġixxa bi ksur ta' xi dispożizzjoni tal-Avviż Legali 79 tal-2006 u dan bi ksur ta' Regolament 27(1)(c) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat;

6. sar reċidiv b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) – Maġistrat Dr. Michael Mallia datata 11 ta' Jannar 2007 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba li, kemm il-darba ssib ħtija, tordna l-konfiska tal-oġġetti eżebiti kif ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja tal-kaċċa u l-insib tal-imputat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Diċembru 2015 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 172 u 176 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 4(1) (2) u 27(1) (b) (c) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 tal-Liġijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u lliberatu minnhom.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-28 ta' Diċembru 2015 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar[ha] u tirrevoka s-sentenza appellata fl-interita' tagħha u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-każ kif ukoll il-liġi applikabbli għaliha, issib lill-appellat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih u tipprosegwi sabiex tinfliġġi l-piena xierqa u applikabbli skond il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' dan il-każ kienu li wara li l-Pulizija rċevew informazzjoni li kien hemm xi għasafar li l-appellat kien qed iżomm illegalment, huma sabu li effettivament kien hemm tjur ibbalzmati li ma kienux reġistrati kif suppost mal-MEPA. L-appellat ippreżenta dokument lill-Uffiċjal tal-MEPA Stanley Gatt b'data u *"received"* mir-Reġistru tal-Ambjent iżda dan tal-aħħar mal-ewwel induna li kien hemm xi ħaġa ħażina bid-data li kien hemm fuq id-dokument u kif ukoll għal fatt li ma setax kellu data *received* fuq id-dokument jekk l-appellat kien għamel fotokopja tad-dokument li bagħat lid-Dipartiment qabel ma bagħtu bil-posta. L-uffiċjal tal-MEPA Stanley Gatt ippreżenta rapport dwar id-differenzi tat-timbru li hemm fuq id-dokument li preżenta l-

appellat u kif ukoll ipprezenta kopji ta' dokumenti oħra li juru kif inhu t-timbru tar-Reġistru.

Illi l-appellant Avukat Generali jargumenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u interpretat u applikat il-liġi b'mod żbaljat. Huwa jressaq diversi argumenti in sostenn ta' dan l-aggravju immirati sabiex din il-Qorti ddawwar is-sentenza appellata u minflok issib ħtija fl-appellat.

Illi l-aggravju tal-appellant jirrikjedi eżami approfondit tal-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti b'dan illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi din il-Qorti ezaminat l-atti proċesswali kollha nkluż d-depożizzjonijiet tax-xhieda kollha u d-dokumenti eżebiti. Mill-assjem tagħhom jemerġi illi l-pern tal-kwistjoni kollha devoluta quddiem l-Ewwel Qorti kienet dik dwar jekk it-timbru użat fuq id-dokumenti ppreżentati mill-appellat lill-Uffiċjal tal-MEPA Stanley Gatt kienx iffalsifikat jew le mill-appellat stante li d-data fuq id-dokument ma kellha x'taqsam xejn mad-dati meta d-Dipartiment tal-Ambjent ta' dak iż-żmien kien qed jilqa' l-applikazzjonijiet ta' dawk li għandhom tjur ibbalzmati.

Illi l-Uffiċjal tal-MEPA Stanley Gatt kien kemm wieħed mix-xhieda importanti u kif ukoll "l-espert" mhux imqabbad mill-Qorti li eżamina d-dokumenti eżebiti mill-appellat u d-dokumenti li kienu rċevew dak iż-żmien tal-applikazzjonijiet. L-ewwel ħaġa li kienet ħasbitu kienet id-data tas-16 ta' Frar 1993 fuq id-dokument stante li l-applikazzjonijiet infetħu fis-sena 1997. Huwa għamel eżami akkurat tat-timbru u sab id-differenzi bħal żball fil-kelma "Received" (spelluta "Recieved"), żball fil-kelma Department (spelluta "Depatrment") fit-timbru użat, u vleġġeġ fl-istess timbru li ma jaqblux ma' dak użat mid-Dipartiment. Jinnota wkoll anomalji oħra bħal fatt li fil-qiegħ nett tal-faċċati kollha fejn hemm imniżżla l-għasafar tad-dokument ippreżentat m'hemmx il-print "Firma" segwita minn linja orizzontali fejn wieħed suppost jiffirma u lanqas hemm il-print "Data" segwita minn linja orrizzontali fejn wieħed suppost jimla' d-data meta jagħmel id-dikjarazzjoni. Kopji awtentiċi pprovduti mid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Ambjent kellhom dawn il-prints. Huwa anke ttimbra bit-timbru li kien jintuża fis-sena 1993, li għalkemm mhux ċar ħafna xorta huwa evidenti li l-kelma "Received" hija miktuba tajjeb.

Illi l-preokkupazzjoni ta' din il-Qorti hi proprju l-fatt li wieħed mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kien "espert" li kien diġa' esprima opinjoni dwar l-akkadut għax in fatti huwa wieħed mix-xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni. Il-perizja ta' espert mhux nominat mill-Qorti hija xhieda *ex parte* u l-konklużjonijiet tagħha ma jistgħux ħlief jitqiesu bħala opinjonijiet anke jekk dik il-persuna tkun esperta fil-kamp tagħha.

Illi din il-Qorti tirrikonoxxi li ma kienx hemm bżonn jitqabbad espert biex jagħmel ir-rapport li ħejja Stanley Gatt stante li, wara eżami akkurat taż-żewġ dokumenti, id-difetti huma evidenti. In fatti ħafna mid-differenzi fid-dokument jirriżultaw *ictu oculi*.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellat, din il-Qorti tinnota li fir-Rikors tal-appell tiegħu l-

appellant Avukat Ġenerali jikkwota Artikoli 172(1), 172(2) u 176 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jsostni li d-diċitura ta' Artikolu 172(2) tinkludi l-użu tas-siġilli kwindi hija nkluża fis-sinjifikat ta' Artikolu 172. In kwantu Artikolu 176 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-falsifikazzjoni tirriżulta wkoll anki meta persuna tapplika l-għodda foloz indipendentement ta' jekk ikunux ġew immanifatturati minn min ikun għamel l-użu tal-istess għodda. Jgħid li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ma kellhiex prova li raw l-appellat jittimbra jew jagħmel id-dokument pero' huwa ċar li dan għamel użu minnu sabiex jiġi eżonerat minn kwalunkwe responsabilita' kriminali.

Illi wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa d-dokumenti eżebiti u eżaminat l-artikoli kwotati mill-Avukat Ġenerali mhux qed tilqa' l-aggravju tiegħu f'dan ir-rigward minħabba li d-dokument li ppreżenta l-appellat ma kienx dokument li wieħed seta' jgħaddi bħala veru. Infatti Gatt mal-ewwel induna li kien hemm xi ħaġa ħażina fih. Meta wieħed jara d-dokumenti ppreżentati minn Stanley Gatt wieħed jista' mal-ewwel jinnota li d-dokument qisu fotokopja li ma ħarġitx sewwa. Il-paġni mhumiex qegħdin dritti u l-firem tal-appellat mhux qegħdin fejn għandhom ikunu fuq dokument validu. Jiġifieri hawn la d-dokument u wisq anqas it-timbru ma huma konformi ma' dak maħruġ mid-Dipartiment.

Illi d-dokument kien manifestament juri li mhuwiex ġenwin u għaldaqshekk skont id-dottrina ma setax jidħaq b'xi persuna oħra. Isegwi illi l-ewwel (1) imputazzjoni ma tissussistix u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma sabitx ħtija tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Avukat Ġenerali jkompli jsostni li jekk għal din il-Qorti jkollha tissussisti l-liberatorja tal-ewwel (1) imputazzjoni, dan m'għandux iwassal sabiex l-appellat joħroġ illiberat minn kollox stante li l-bqija tal-imputazzjonijiet huma indipendenti mill-ewwel (1) imputazzjoni. Huwa jsostni li l-applikazzjonijiet sabiex wieħed seta' jirreġistra t-tajr kienu miftuħa fil-perijodu 14 ta' Frar 1997 sat-13 ta' Marzu 1998 u kien hemm opportunita' oħra

mogħtija sal-31 ta' Mejju 2003 jiġifieri d-data li hemm fuq id-dokument ma tagħmilx sens stante li s-sena hija dik tal-1993. Jagħmel riferenza għat-tliet verżjonijiet mogħtija mill-appellat dwar id-dokument u ċioè għal dik mogħtija lil Stanley Gatt fil-5 ta' April 2008, dik waqt l-interogazzjoni tal-11 ta' Ġunju 2008 u dik li ta quddiem l-Ewwel Qorti fit-3 ta' Marzu 2015. In kwantu jirrigwarda d-dokument li l-appellat kien għadda lil Gatt dakinhar tat-tfittxija, l-Avukat Ġenerali jsostni li *ictu oculi* huwa ċar li *semmai* t-timbru li hemm rifless jaqbel perfettament mhux mat-timbru li kien jidher fuq id-dokument li allegatament kien fil-pussess tal-appellat iżda mat-timbru li jidher fid-dokumenti eżebiti minn Stanley Gatt bħala kopji ta' dokumenti awtentiċi biex ikompli jikkonferma li fil-fatt it-timbru fuq id-dokument mgħoddi lilu mill-appellat huwa timbru falz.

Illi dwar it-<u>tieni (2) imputazzjoni</u> din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti saħqet hekk (*a fol.* 237):

> "Illi fid-dokument esebit fl-atti u mmarkat bħala Dok. SG 2 *a fol.* 25, jirriżulta li l-imputat kien irreġistra numru ta' għasafar li ż-żamma tagħhom hi kontra l-liġi jekk mhux reġistrati ma' l-Awtorita' kompetenti. Illi m'hemmx dubbju li għalhekk l-imputat ma setax liberament iżomm dawn l-għasafar mingħajr ma jirreġistrahom. Issa minn eżami tad-Dok. SG 2 jidher li l-imputat kien irreġistra dawn l-għasafar u dan fis-16 ta' Frar 1993 u għalhekk qabel id-data fuq imsemmija, u konsegwentement jidher li l-imputat kien irregola l-posizzjoni tiegħu u għalhekk il-pussess ta' dawn l-għasafar kien wieħed legittimu w sanat."

Illi din il-Qorti ma għandha xejn iżjed xi tgħid f'dan ir-rigward għajr li taqbel mal-Ewwel Qorti. B'hekk isegwi li kienet korretta l-imsemmija Qorti meta ma sabitx ħtija fl-appellat allura imputat mit-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar it-tielet (3) imputazzjoni din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-appellat f'xi ħin iddispona minn xi għasafar li kienu tiegħu u reġistrati mad-Dipartiment. Għandu jingħad li ż-żewġ għasafar li nstabu għand il-kunjatu tiegħu huma proprjeta' tiegħu u jinsabu dikjarati f'Dok. "SG 2". Apparti dawn iż-żewġ għasafar ma jirriżultax li kien hemm xi għasafar oħra li ma kinux fil-pussess tiegħu u b'hekk anke hawn l-Ewwel Qorti kienet korretta li ma sabitx ħtija fl-appellat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar ir-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-appellat, din il-Qorti tinnota li ġialadarba ma nstabitx ħtija fl-appellat fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni jsegwi għalhekk li ma għandux ikun misjub ħati tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni. Apparti minn dan, jirriżulta li wara li l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għar-Regolament in kwistjoni tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hija qalet hekk fis-sentenza appellata (*a fol.* 238 *et seq.*):

> "Issa din il-Qorti eżaminat bir-reqqa dan l-Avviż Legali u ma tagħrafx liema projbizzjoni jew restrizzjoni qed jiġi allegat li l-imputat kiser. Lanqas ma jirriżulta liema disposizzjoni tar-regolament qed jingħad li nkisret. Dwar l-allegazzjoni li kien hemm xi regolament li l-imputat naqas li jikkonforma ruħu miegħu, u ċioè li ma rreġistrax l-għasafar, kif kien mistenni li jagħmel, il-Prosekuzzjoni hija żbaljata, għaliex mis-suespost jirriżulta l-oppost kif intqal aktar 'il fuq. Jidher li bl-aġir tiegħu kif fuq spjegat, li l-imputat irreġistra l-għasafar li kellu, huwa ssana l-posizzjoni illeġittima li kellu."

Illi din il-Qorti ma għandha xejn aktar x'iżżid ma' dak appena ċitat għajr li tagħmlu tagħha. B'hekk anke hawn l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma sabitx ħtija fl-appellat fir-rigward tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issib ħtija fl-appellat ġialadarba din l-imputazzjoni kienet tiddependi fuq is-sejbien ta' ħtija ta' xi waħda mill-imputazzjonijiet l-oħra. Peress li din il-Qorti ma sabet ebda raġuni għala għandha tilqa' l-appell tal-appellant u peress li anke skont din il-Qorti l-appellat ma kellux jinstab ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra, b'hekk l-appellat ma jistax jinstab ħati tas-sitt (6) imputazzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha ta' hawn fuq l-appell tal-Avukat Ġenerali qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**